SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

11 ta' Marzu 2010 *

Fil-Kawża C-384/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale del Lazio (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Lulju 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Awwissu 2008, fil-proċedura

Attanasio Group Srl

vs

Comune di Carbognano,

fil-preżenza ta':

Felgas Petroli Srl,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tat-Tieni Awla li qed jaġixxi bħala Presisdent tat-Tielet Awla, P. Lindh, A. Rosas, A. Ó Caoimh, (Relatur) u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn M. Russo, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn E. Traversa u C. Cattabriga, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 43 KE, 48 KE, 49 KE u 56 KE, kif ukoll il-"prinċipji ta' kompetizzjoni ekonomika u ta' nondiskriminazzjoni ġuridika stabbiliti permezz tat-Trattat [KE]".

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Attanasio Group Srl (iktar 'il quddiem "Attanasio") u l-Comune di Carbognano (il-komun ta' Carbognano) dwar l-għoti lil persuna terza, Felgas Petroli Srl (iktar 'il quddiem "Felgas Petroli"), ta' permess ta' kostruzzjoni sabiex tinbena faċilità għad-distribuzzjoni ta' karburanti.

Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

3 Is-sistema ta' distribuzzjoni ta' karburanti fl-Italja ġiet irriformata permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 32, tal-11 ta' Frar 1998, dwar ir-razzjonalizzazzjoni tas-sistema ta' distribuzzjoni ta' karburanti, skont l-Artikolu 4(4)(ċ) tal-Liġi Nru 59 tal-15 ta' Marzu 1997 (GURI Nru 53, tal-5 ta' Marzu 1998, p. 4), sussegwentement emendat u kkompletat diversi drabi (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 32/1998").

4 Skont l-Artikolu 2 tad-digriet leġiżlattiv imsemmi, il-bini u l-esplojtazzjoni ta' faċilitajiet għad-distribuzzjoni ta' karburanti huma suġġetti għal awtorizzazzjoni amministrattiva. Din tingħata mill-komun li fit-territorju tiegħu jkunu eżerċitati

dawn l-attivitajiet, bil-kundizzjoni li tiġi kkonstatata l-konformità tal-faċilitajiet mad-dispożizzjonijiet tal-pjan dwar l-allokazzjoni tal-artijiet, mal-leġiżlazzjoni fiskali u mal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà sanitarja, ambjentali u fit-toroq, mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-beni storiċi u artistiċi, kif ukoll mal-programmi ta' orjentament tar-reġjuni Taljani.

5 L-Artikolu 19 tal-Liġi Nru 57, tal-5 ta' Marzu 2001, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet fir-rigward tal-ftuħ u tar-regolazzjoni tas-swieq (GURI Nru 66, tal-20 ta' Marzu 2001, p. 4, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 572001"), jipprovdi għall-adozzjoni ta' pjan nazzjonali intiż li jiġu żgurati l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz, l-iffriżar tal-prezzijiet tal-bejgħ u r-razzjonalizzazzjoni tas-sistema ta' distribuzzjoni ta' karburanti, u li jinkludi l-linji gwida intiżi li tiġi mmodernizzata s-sistema ta' distribuzzjoni ta' karburanti (iktar 'il quddiem il-"pjan nazzjonali"). Skont dan il-pjan, adottat permezz ta' Digriet Ministerjali tal-31 ta' Ottubru 2001, li japprova l-pjan nazzjonali li jinkludi l-linji gwidi għall-immodernizzar tas-sistema ta' distribuzzjoni ta' karburanti (ĠURI Nru 279, tat-30 ta' Novembru 2001, p. 37, iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali tal-31 ta' Ottubru 2001"), ir-reġjuni, fil-qafas tal-poteri mogħtija lilhom fir-rigward tal-istabbiliment ta' programmi, għandhom ifasslu pjani reġjonali fejn għandhom jistabbilixxu, b'mod partikolari, kriterji għall-ftuħ ta' postijiet ta' bejgħ ġodda. Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, fiż-żmien meta seħħew il-fatti li wasslu għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali, id-distanzi minimi obbligatorji bejn il-faċilitajiet kienu jagħmlu parti minn dawn il-kriterji.

6 F'dan il-kuntest, ir-Regione Lazio (ir-Reġjun tal-Lazio) adotta l-Liġi Reġjonali Nru 8/2001 (*Bollettino Ufficiale della Regione Lazio,* tal-10 ta' April 2001). Skont l-Artikolu 13 ta' din il-liġi, kull komun, fl-eżerċizzju tal-kompetenza mogħtija lilu sabiex jiddefinixxi l-kriterji, rekwiżiti u l-karatteristiċi marbuta maż-żoni fejn setgħu jinbnew il-faċilitajiet għad-distribuzzjoni ta' karburanti kif ukoll id-dispożizzjonijiet li kellhom japplikaw għalihom, għandu jieħu inkunsiderazzjoni diversi kriterji, li fosthom kien hemm, fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, l-osservanza ta' distanzi minimi bejn id-diversi faċilitajiet. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-faċilitajiet li jinsabu fuq it-toroq provinċjali, dan l-Artikolu 13 jipprevedi distanza minima ta' tliet kilometri.

7 Ftit ta' żmien wara d-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni tar-rinviju u qabel ma waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur Taljan adotta l-Liġi Nru 133, tas-6 ta' Awwissu 2008, li kkodifika f'liġi d-Digriet Leġiżlattiv Nru 112, tal-25 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet urġenti fir-rigward tal-iżvilupp ekonomiku, tas-semplifikazzjoni, tal-kompetittività, tal-istabbilizzazzjoni tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll tal-ekwalizzazzjoni fiskali (Suppliment ordinarju tal-GURI Nru 195, tal-21 ta' Awwissu 2008, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 133/2008"). Fl-Artikolu 83a(17) tagħha, din il-liġi tipprovdi:

"Sabiex tiġi żgurata osservanza sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament uniformi tajjeb tas-suq, l-istabbiliment u l-esplojtazzjoni ta' faċilità għad-distribuzzjoni ta' karburant ma jistgħux ikunu suġġetti għall-għeluq ta' faċilitajiet eżistenti u lanqas ma jistgħu jkunu suġġetti għall-osservanza ta' obbligi, bi skop kummerċjali, marbuta ma' *numerus clausus*, ma' distanzi minimi bejn faċilitajiet jew bejn faċilitajiet u ħwienet jew postijiet kummerċjali żgħar ħafna, jew għall-osservanza ta' obbligi li jimponu limitazzjonijiet jew obbligi fir-rigward tal-eventwali offerta, fl-istess faċilità jew fl-istess żona, ta' attivitajiet u ta' prodotti komplementari."

8 L-Artikolu 18a(18) tal-liġi msemmija jipprovdi li "id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18a(17) jikkostitwixxu prinċipji ġenerali fil-qasam tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u ta' livelli essenzjali ta' prestazzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 117 tal-Konstituzzjoni".

9 Skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi Nru 131, tal-5 ta' Ġunju 2003, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jaġġustaw id-dritt tar-Repubblika għal-Liġi Kostituzzjonali Nru 3, tat-18 ta' Ottubru 2001 (GURI Nru 132, tal-10 ta' Ġunju 2003, p. 5):

"Id-dispożizzjonijiet legali reġjonali dwar l-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza leġiżlattiva esklużiva tal-Istat, applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, jibqgħu applikabbli sad-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar dawn l-oqsma [...]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10 Attanasio, stabbilita f'Viterbo (l-Italja), ressqet quddiem il-Comune di Caprarola applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bil-għan li tibni faċilità għad-distribuzzjoni ta' karburanti, ta' lubrifikant u ta' gass ta' petrol illikwifikat (GPL) fuq il-ġenb tat-triq provinċjali magħrufa bħala "Massarella". Matul il-proċedura amministrattiva rriżulta li l-Comune di Carbognano kien fil-frattemp ħareġ awtorizzazzjoni lil Felgas Petroli sabiex tiftaħ faċilità għad-distribuzzjoni ta' karburanti ftit distanza l-bogħod mis-sit li kien is-suġġett tal-applikazzjoni ta' Attanasio.

11 Skont l-Artikolu 13 tal-Liġi Reġjonali Nru 8/2001, il-ħruġ tal-permess ta' kostruzzjoni lil Felgas Petroli mill-Comune di Carbognano kien għalhekk jipprekludi lill-Comune di Caprarola milli jilqa' l-applikazzjoni ta' Attanasio.

12 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Attanasio, sussegwentement, ressqet rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra l-għoti ta' awtorizzazzjoni lil Felgas Petroli filwaqt li ressqet talba għal miżuri provviżorji intiża għas-sospensjoni tal-effetti ta' din l-awtorizzazzjoni.

13 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-leġiżlazzjoni rilevanti, jiġifieri, b'mod partikolari, l-Artikolu 13 tal-Liġi Reġjonali Nru 8/2001, iżda anki d-Digriet Leġiżlattiv Nru 32/1998, il-Liġi Nru 57/2001 u d-Digriet Ministerjali tal-31 ta' Ottubru 2001, "tista' tmur kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxu l-osservanza tal-prinċipji ta' kompetizzjoni, tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi".

14 Skont dik il-qorti, jekk jiġi stabbilit li d-dispożizzjonijiet nazzjonali u reġjonali li jipprekludu l-ftuħ tal-faċilità ta' Attanasio huma inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, id-dispożizzjonijiet imsemmija ma għandhomx jiġu applikati. Għalhekk, ir-rikors fil-kawża prinċipali jkollu jiġi ddikjarat inammissibbli minħabba li Attanasio ma jkollhiex interess ġuridiku.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale del Lazio ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domanda preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-liġijiet reġjonali u nazzjonali Taljani li jipprovdu distanzi minimi obbligatorji bejn pompi tal-petrol installati fit-toroq [faċilitajiet fit-toroq għad-distribuzzjoni ta' karburanti], b'mod partikolari l-Artikolu 13 tal-Legge Regionale del Lazio [Nru 8/2001], applikabbli għall-kawża inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, u li huma rilevanti għall-finijiet tad-deċiżjoni ta' din il-qorti, kif ukoll il-liġijiet nazzjonali relatati (D. Lgs. Nru. 32/1988 u 2001 kif emendata u supplementata sussegwentement, il-Liġi Nru. 57/2001 u D.M. tal-31 ta' Ottubru 2001), fil-parti li tippermetti, jew li ma tipprekludix, fl-eżerċizzju tas-setgħat leġiżlattivi tal-Istat Taljan, l-impożizzjoni ta' distanzi minimi bejn il-pompi tal-petrol installati fit-toroq mill-imsemmi Artikolu 13, huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari mal-Artikoli 43, 48, 49 u 56 tat-Trattat KE, kif ukoll mal-prinċipji Komunitarji ta' kompetizzjoni ekonomika u ta' nondiskriminazzjoni [ġuridika] stabbiliti mill-istess Trattat [...]?"

Fuq id-domanda preliminari

Kunsiderazzjonijiet preliminari

16 Fid-dawl tal-formulazzjoni tad-domanda magħmula, għandu jitfakkar qabel kollox li, fil-kuntest tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' liġijiet jew regolamenti nazzjonali jew dwar il-konformità ta' tali liġijiet jew regolamenti mad-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Novembru 1999, Teckal, C-107/98, Ġabra p. I-8121, punt 33; tal-4 ta' Marzu 2004, Barsotti *et*, C-19/01, C-50/01 u C-84/01, Ġabra p. I-2005, punt 30, kif ukoll tat-23 ta' Marzu 2006, Enirisorse, C-237/04, Ġabra p. I-2843, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li għandha l-ġurisdizzjoni tagħti lill-qorti tar-rinviju l-elementi ta' interpretazzjoni kollha li huma marbuta mad-dritt tal-Unjoni u li jistgħu jippermettu lil dik il-qorti tevalwa tali konformità sabiex tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Lulju 1987, Lefèvre, 188/86, Ġabra p. 2963, punt 6; tal-15 ta' Diċembru 1993, Hünermund *et*, C-292/92, Ġabra p. I-6787, punt 8, kif ukoll Enirisorse, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24).

18 B'hekk, fil-preżenza ta' domandi fformulati b'mod inadegwat jew li jmorru lil hinn mill-qafas tal-funzjonijiet mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Artikolu 267 TFUE, din il-Qorti għandha tislet, mill-elementi kollha mogħtija mill-qorti nazzjonali u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Novembru 1978, Redmond, 83/78, Ġabra p. 2347, punt 26; tas-17 ta' Ġunju 1997, Codiesel, C-105/96, Ġabra p. I-3465, punt 13, u tas-26 ta' Mejju 2005, António Jorge, C-536/03, Ġabra p. I-4463, punt 16).

19 Għalhekk, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tillimita l-eżami tagħha għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni filwaqt li tipprovdi interpretazzjoni ta' dan id-dritt li tkun utli għall-qorti tar-rinviju li, min-naħa tagħha, għandha tevalwa l-konformità tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali mad-dritt imsemmi (ara, bħala analoġija, b'mod partikolari, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7, C-380/05, Ġabra p. I-349, punt 51). F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domanda li saritilha (ara, bħala analoġija, b'mod partikolari, is-sentenza tat-23 ta' Marzu 2006, FCE Bank, C-210/04, Ġabra p. I-2803, punt 21).

20 F'dan ir-rigward, sa fejn id-domanda magħmula tikkonċerna interpretazzjoni ta' dak li l-qorti tar-rinviju kkwalifikat bħala "prinċipji Komunitarji ta' kompetizzjoni ekonomika u ta' nondiskriminazzjoni", u skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 18 ta' din is-sentenza, din id-domanda għandha tinftiehem fis-sens li tikkonċerna l-interpretazzjoni, minn naħa, tar-regoli tal-kompetizzjoni li jinsabu fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat, li jinkludi l-Artikoli 81 KE sa 89 KE, u, min-naħa

l-oħra, tal-Artikolu 12 KE, li jipprojbixxi, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan it-trattat u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali inklużi fih, kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domanda magħmula għandha tinftiehem fis-sens li qiegħda tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 12 KE, 43 KE, 48 KE, 49 KE u 56 KE kif ukoll l-Artikoli 81 KE sa 89 KE, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jistabbilixxu distanzi minimi obbligatorji bejn il-faċilitajiet fit-toroq għad-distribuzzjoni ta' karburanti.

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

22 Għandu jiġi osservat qabel kollox li, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, kif barra minn hekk essenzjalment osservat il-qorti tar-rinviju stess, l-elementi kollha tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali huma limitati għat-territorju ta' Stat Membru wieħed biss. Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat b'mod preliminari jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni f'din il-kawża sabiex tiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet tat-Trattat elenkati fid-domanda preliminari, jiġifieri l-Artikoli 43 KE, 48 KE, 49 KE u 56 KE (ara, bħala analoġija, is-sentenza Centro Europa 7, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64).

23 Fil-fatt, bħala regola ġenerali, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, skont il-formulazzjoni tagħha stess, tapplika mingħajr distinzjoni għaċ-ċittadini Taljani u għaċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra tista' taqa' taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat biss sa fejn tkun tapplika għal sitwazzjonijiet li jkollhom rabta mal-kummerċ bejn l-Istati Membri

(ara s-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2000, Guimont, C-448/98, Ġabra p. I-10663, punt 21; tal-11 ta' Settembru 2003, Anomar *et*, C-6/01, Ġabra p. I-8621, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Centro Europa 7, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65).

24 Madankollu, f'dan il-każ ma jistax jiġi eskluż li kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra minbarra r-Repubblika Taljana kienu jew huma interessati li jikkummerċjalizzaw karburanti f'dan l-Istat Membru tal-aħħar.

25 Barra minn hekk, bħala prinċipju, huma biss il-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa ta' domanda preliminari sabiex ikunu jistgħu jagħtu d-deċiżjoni tagħhom u kemm ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza Guimont, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22). Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiċħad talba mressqa minn qorti nazzjonali biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali (sentenzi tas-6 ta' Ġunju 2000, Angonese, C-281/98, Ġabra p. I-4139, punt 18, kif ukoll Anomar *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

26 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Taljan sostna li, wara l-adozzjoni tal-Artikolu 83a(17) tal-Liġi Nru 133/2008, l-Artikolu 13 tal-Liġi Reġjonali Nru 8/2001 ma għadux applikabbli peress li huwa inkompatibbli mal-imsemmi Artikolu 83a(17), li għandu preċedenza fis-sistema legali interna Taljana. Minn dan jirriżulta, skont dan il-gvern, li dan l-Artikolu 13 ma għandux jiġi applikat fil-proċedura amministrattiva dwar l-applikazzjoni ta' Attanasio.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, seta' jidher li, bħalma huwa previst fl-ipoteżi mqajma fid-deċiżjoni tar-rinviju u esposta fil-punt 14 ta' din is-sentenza, jiġifieri li l-imsemmi Artikolu 13 huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, Attanasio ma kellhiex interess ġuridiku fil-kwistjoni fil-kawża prinċipali.

28 Kien għalhekk li, fis-17 ta' Settembru 2009, skont l-Artikolu 104(5) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja staqsiet lill-qorti tar-rinviju jekk, fid-dawl b'mod partikolari tal-argumenti żviluppati fid-deċiżjoni tar-rinviju dwar l-eventwali nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Attanasio fil-kawża prinċipali, l-emendi introdotti fis-sistema legali Taljana rilevanti permezz tal-Artikolu 83a(17) u (18) tal-Liġi Nru 133/2008, moqri flimkien mal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi Nru 131 tal-5 ta' Ġunju 2003, kellhomx impatt fuq l-interess li tinkiseb deċiżjoni preliminari f'din il-kawża. Fil-fatt, f'dan ir-rigward għandu jitfakkar li l-funzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari hija li tikkontribwixxi għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri u mhux li tifformula opinjonijiet konsultattivi dwar domandi ġenerali jew ipotetiċi (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Frar 1983, Robards, 149/82, Ġabra p. 171, punt 19; tad-9 ta' Frar 1995, Leclerc-Siplec, C-412/93, Ġabra p. I-179, punt 12, u tas-16 ta' Lulju 2009, Zuid-Chemie, C-189/08, Ġabra p. I-6917, punt 36).

29 Permezz ta' digriet tat-3 ta' Diċembru 2009, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Jannar 2010, il-qorti tar-rinviju kkonfermat li, bħala prinċipju, l-emendi msemmija iktar 'il fuq għandhom bħala konsegwenza li, b'mod partikolari, l-Artikolu 13 tal-Liġi Reġjonali Nru 8/2001 ma jistax jibqa' jiġi applikat. Madankollu, dik il-qorti żammet it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, il-Liġi Nru 133/2008 hija intiża sabiex ma jkollhiex effetti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Barra minn hekk, is-sempliċi possibbiltà għal Attanasio li tagħmel applikazzjoni ġdida għal awtorizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni Taljana emendata tista' tiltaqa' ma' ostakoli li għadhom ma jistgħux jiġu identifikati u li jagħmlu aleatorja l-protezzjoni tad-dritt sostanzjali invokat fil-kawża prinċipali.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba mill-qorti tar-rinviju ma hijiex ser tkun meħtieġa minn din tal-aħħar sabiex tiddeċiedi l-kwistjoni li għandha quddiemha.

31 Minn dan jirriżulta li d-domanda magħmula hija ammissibbli sa fejn tikkonċerna l-Artikoli 43 KE, 48 KE, 49 KE u 56 KE, li, billi jistabbilixxu regoli speċifiċi ta' nondiskriminazzjoni fl-oqsma li jikkonċernaw, rispettivament, il-libertà ta' stabbiliment, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-kapital, jikkostitwixxu l-espressjoni speċifika, f'dawn l-oqsma, tal-prinċipju ġenerali li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza stabbilit fl-Artikolu 12 KE.

32 Għall-kuntrarju, sa fejn id-domanda magħmula, kif iffurmulata mill-ġdid fil-punt 21 ta' din is-sentenza, tikkonċerna interpretazzjoni tal-Artikoli 81 KE sa 89 KE, għandu jitfakkar li l-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li dik il-qorti tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, minn tal-inqas, tispjega s-sitwazzjonijiet fattwali li fuqhom ikunu bbażati dawn id-domandi (ara s-sentenza Centro Europa 7, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dawn ir-rekwiżiti japplikaw b'mod iktar partikolari fil-qasam tal-kompetizzjoni, li huwa kkaratterizzat minn sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt kumplessi (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 1993, Telemarsicabruzzo *et*, C-320/90 sa C-322/90, Ġabra p. I-393, punt 7; tat-23 ta' Novembru 2006, Asnef-Equifax u Administración del Estado, C-238/05, Ġabra p. I-11125, punt 23, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et*, C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 20).

33 Issa, f'dan il-każ, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tipprovdix lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-elementi ta' fatt u ta' dritt li jippermettulha tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom miżuri Statali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni. B'mod partikolari, id-deċiżjoni msemmija ma tipprovdi ebda indikazzjoni fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni speċifiċi li tagħhom qiegħda titlob l-interpretazzjoni u lanqas ma tipprovdi spjegazzjoni dwar ir-rabta li hija tara bejn dawn ir-regoli u l-kwistjoni fil-kawża prinċipali jew is-suġġett tagħha.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domanda magħmula għandha tiġi ddikjarata inammissibbli sa fejn tista' tiġi interpretata bħala li tikkonċerna l-Artikoli 81 KE sa 89 KE.

35 Għaldaqstant, id-domanda magħmula, kif iffurmulata mill-ġdid fil-punt 21 ta' din is-sentenza, għandha tiġi eżaminata fir-rigward biss tal-Artikoli 12 KE, 43 KE, 48 KE, 49 KE u 56 KE.

Fuq il-mertu

36 Il-bini ta' faċilitajiet fit-toroq għad-distribuzzjoni ta' karburanti jaqa' taħt il-kunċett ta' "stabbiliment" fis-sens tat-Trattat. Dan il-kunċett huwa wiesa' ħafna u jimplika l-possibbiltà, għal ċittadin tal-Unjoni, li jipparteċipa, b'mod stabbli u kontinwu, fil-ħajja ekonomika ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat ta' oriġini tiegħu, u li jislet profitt minn din il-parteċipazzjoni (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 1974, Reyners, 2/74, Ġabra p. 631, punt 21; tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 25, kif ukoll tal-11 ta' Ottubru 2007, ELISA, C-451/05, Ġabra p. I-8251, punt 63).

37 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 12 KE huwa intiż li japplika b'mod awtonomu biss f'sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom it-Trattat ma jistabbilixxix regoli speċifiċi dwar nondiskriminazzjoni. Issa, fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implementat permezz tal-Artikolu 43 KE (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, Skanavi u Chryssanthakopoulos, C-193/94, Ġabra p. I-929, punti 20 u 21; tat-13 ta' April 2000, Baars, C-251/98, Ġabra p. I-2787, punti 23 u 24, kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2008, Lammers & Van Cleeff, C-105/07, Ġabra p. I-173, punt 14).

38 Għaldaqstant, f'dan il-każ, ma hemmx lok li ssir interpretazzjoni tal-Artikolu 12 KE.

39 Barra minn hekk, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50 KE, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi huma applikabbli biss jekk ma

jkunux applikabbli d-dispożizzjonijiet dwar id-dritt ta' stabbiliment. Għalhekk, lanqas l-Artikolu 49 KE ma huwa rilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, il-bini ta' faċilitajiet fit-toroq għad-distribuzzjoni ta' karburanti mill-persuni ġuridiċi fis-sens tal-Artikolu 48 KE jimplika neċessarjament l-aċċess ta' dawn tal-aħħar għat-territorju tal-Istat Membru ospitanti għall-finijiet ta' parteċipazzjoni stabbili u kontinwa fil-ħajja ekonomika ta' dan l-Istat, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' aġenziji, fergħat jew sussidjarji (ara, bħala analoġija, is-sentenzi Gebhard, iċċitata iktar 'il fuq, punti 22 sa 26, kif ukoll tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-171/02, Ġabra p. I-5645, punti 24 u 25).

40 Barra minn hekk, jekk jitqies li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha effetti fuq il-moviment liberu tal-kapital, mill-ġurisprudenza jirriżulta li tali effetti huma l-konsegwenza inseparabbli ta' eventwali ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment u, għalhekk, ma jiġġustifikawx eżami awtonomu tal-leġiżlazzjoni msemmija fid-dawl tal-Artikolu 56 KE (ara, bħala analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 33; tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, Ġabra p. I-6373, punt 24, kif ukoll tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda, C-284/06, Ġabra p. I-4571, punt 74).

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta għad-domanda magħmula, kif ifformulata mill-ġdid fil-punt 21 ta' din is-sentenza, għandha tingħata fid-dawl biss tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment.

42 Il-libertà ta' stabbiliment, li l-Artikolu 43 KE jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Unjoni u li tfisser, għal dawn iċ-ċittadini, aċċess għall-attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha u l-eżerċizzju tagħhom, kif ukoll l-inkorporazzjoni u l-amministrazzjoni ta' impriżi, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' stabbiliment għaċ-ċittadini tiegħu stess, tinkludi, skont l-Artikolu 48 KE, għall-kumpanniji inkorporati skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali tagħhom ġewwa

l-Unjoni Ewropea, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' fergħa, sussidjarja jew aġenzija (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN, C-307/97, Ġabra p. I-6161, punt 35; Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 36).

43 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 43 KE jipprekludi kull miżura nazzjonali li, anki jekk tapplika mingħajr distinzjoni minħabba ċittadinanza, tista' tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus, C-19/92, Ġabra p. I-1663, punt 32; Gebhard, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37; tal-5 ta' Ottubru 2004, CaixaBank France, C-442/02, Ġabra p. I-8961, punt 11, kif ukoll tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauter, C-169/07, Ġabra p. I-1721, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali effetti restrittivi jistgħu jimmaterjalizzaw meta, minħabba leġiżlazzjoni nazzjonali, kumpannija tista' tiġi konvinta sabiex ma tiftaħx entitajiet sekondarji, bħalma huwa stabbiliment stabbli, fi Stati Membri oħra u sabiex ma teżerċitax l-attivitajiet tagħha permezz ta' tali entitajiet (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, Ġabra p. I-10837, punti 32 u 33; tat-23 ta' Frar 2006, Keller Holding, C-471/04, Ġabra p. I-2107, punt 35, kif ukoll tat-23 ta' Frar 2008, Deutsche Shell, C-293/06, Ġabra p. I-1129, punt 29).

45 Għalhekk, tikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 43 KE leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-ftuħ ta' faċilitajiet fit-toroq ġodda għad-distribuzzjoni ta' karburanti għall-osservanza ta' distanzi minimi fil-konfront ta' faċilitajiet simili oħra. Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni, li tapplika biss għal faċilitajiet ġodda u mhux għall-faċilitajiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, tissuġġetta għal kundizzjonijiet l-aċċess għall-attività ta' distribuzzjoni ta' karburanti u, billi b'hekk tiffavorixxi lill-operaturi li diġà jinsabu fit-territorju Taljan, hija ta' natura li

tiskoraġġixxi, jekk mhux ukoll tostakola, l-aċċess għas-suq Taljan tal-operaturi ġejjin minn Stati Membri oħra (ara wkoll, bħala analoġija, is-sentenzi CaixaBank France, iċċitata iktar 'il fuq, punti 11 sa 14, kif ukoll tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-518/06, Ġabra p. I-3491, punti 62 sa 64 u 70 sa 71).

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat sa fejn ir-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi aċċettata taħt waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 46 KE jew iġġustifikata, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

47 Il-qorti tar-rinviju identifikat, bħala rilevanti fir-rigward tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-għanijiet ta' sigurtà fit-toroq, ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent kif ukoll ta' razzjonalizzazzjoni tas-servizz mogħti lill-utenti.

48 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Taljan ma ressaqx elementi intiżi li jiġġustifikaw il-leġiżlazzjoni msemmija u sempliċement sostna, kif jirriżulta mill-punt 26 ta' din is-sentenza, li din il-leġiżlazzjoni ma għadhiex applikabbli.

49 L-Artikolu 46(1) KE jaċċetta b'mod partikolari restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment li jkunu ġġustifikati minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Hartlauter, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

50 Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja identifikat numru ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat. Fost tali raġunijiet li diġà ġew

rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja jinsabu l-għanijiet ta' sigurtà fit-toroq (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1994, van Schaik, C-55/93, Ġabra p. I-4837, punt 19, kif ukoll tal-15 ta' Marzu 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-54/05, Ġabra p. I-2473, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata), il-protezzjoni tal-ambjent (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 1988, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, 302/86, Ġabra p. 4607, punt 9, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2004, Radlberger Getränkegesellschaft u S. Spitz, C-309/02, Ġabra p. I-11763, punt 75) u l-protezzjoni tal-konsumaturi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Franza, 220/83, Ġabra p. 3663, punt 20; CaixaBank France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21, kif ukoll tad-29 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-393/05, Ġabra p. I-10195, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Madankollu, għandu jitfakkar li, irrispettivament mill-eżistenza ta' għan leġittimu fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattat teħtieġ li l-miżura inkwistjoni tkun adegwata sabiex jiġi ggarantit li jintlaħaq l-għan tagħha u li din il-miżura ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Novembru 2002, Oteiza Olazabal, C-100/01, Ġabra p. I-10981, punt 43; tas-16 ta' Ottubru 2008, Renneberg, C-527/06, Ġabra p. I-7735, punt 81; tal-11 ta' Ġunju 2009, X u Passenheim-van Schoot, C-155/08 u C-157/08, Ġabra p. I-5093, punt 47, kif ukoll tas-17 ta' Novembru 2009, Presidente del Consiglio dei Ministri, C-169/08, Ġabra p. I-10821, punt 42). Barra minn hekk, leġiżlazzjoni nazzjonali tkun adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan invokat biss jekk tissodisfa, b'mod reali, ix-xewqa li dan l-għan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Hartlauter, punt 55, u Presidente del Consiglio dei Ministri, punt 42).

52 F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-għanijiet marbuta mas-sigurtà fit-toroq, kif ukoll mal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, ma jidhirx li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt preċedenti, bla ħsara għall-verifiki li għandhom isiru, jekk ikun il-każ, mill-qorti tar-rinviju.

53 Fil-fatt, kif enfasizzat il-qorti tar-rinviju stess, l-imsemmija leġiżlazzjoni tapplika biss fil-każ tal-bini ta' faċilitajiet ġodda. Għaldaqstant, din il-leġiżlazzjoni ma tapplikax għall-faċilitajiet diġà eżistenti, ħaġa din li kienet teħtieġ, pereżempju, li dawn il-faċilitajiet jiġu progressivament imċaqalqa sabiex josservaw ir-rekwiżiti dwar id-distanzi minimi. Kif osservat l-imsemmija qorti, dan il-fatt jixħet dubju fuq in-natura koerenti tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-għanijiet imsemmija iktar 'il fuq.

54 Barra minn hekk, anki jekk jiġi aċċettat li regoli dwar distanzi minimi obbligatorji bejn il-faċilitajiet fit-toroq għad-distribuzzjoni ta' karburanti huma adegwati sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' sigurtà fit-toroq kif ukoll ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, mill-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju stess jirriżulta li dawn l-għanijiet huma ta' natura li jistgħu jintlaħqu b'mod iktar adegwat, u dan billi tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika ta' kull faċilità kkonċernata, fil-kuntest tal-kontrolli li għandu jwettaq kull komun, fi kwalunkwe każ, fil-każ ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ faċilità ġdida għad-distribuzzjoni ta' karburanti. Kif jirriżulta mill-punt 4 ta' din is-sentenza, dawn il-kontrolli jikkonċernaw b'mod partikolari l-konformità ta' din il-faċilità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan dwar l-allokazzjoni tal-artijiet kif ukoll mar-rekwiżiti marbuta mas-sigurtà sanitarja, ambjentali u fit-toroq. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif osservat il-qorti tar-rinviju stess, l-introduzzjoni ta' distanzi minimi tidher li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa.

55 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-għan imsemmi fid-deċiżjoni tar-rinviju u li jikkonsisti fir-"razzjonalizzazzjoni tas-servizz mogħti lill-utenti", għandu, minn naħa, jitfakkar li motivi ta' natura purament ekonomika ma jistgħux jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jkunu ta' natura li jiġġustifikaw restrizzjoni għal-libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat (ara s-sentenza tas-17 ta' Marzu 2005, Kranemann, C-109/04, Ġabra p. I-2421, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Min-naħa l-oħra, anki jekk jitqies li dan l-għan jista' jiġi kkunsidrat, sa fejn jikkonċerna l-protezzjoni tal-konsumaturi, bħala għan li jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u mhux bħala raġuni ta' natura purament ekonomika, huwa diffiċli li wieħed jidentifika kif leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tkun adegwata sabiex tipproteġi lill-konsumaturi jew sabiex trendilhom benefiċċji. Għall-kuntrarju, kif osservat essenzjalment il-qorti tar-rinviju, billi tostakola l-aċċess ta' operaturi ġodda għas-suq, tali leġiżlazzjoni tidher li pjuttost tiffavorixxi l-pożizzjoni tal-operaturi li diġà jinsabu fit-territorju Taljan, mingħajr ma l-konsumaturi jissiltu vantaġġi reali minn dan. Fi kwalunkwe każ, jidher li l-leġiżlazzjoni msemmija tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq eventwali għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ħaġa din li, jekk ikun meħtieġ, għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 43 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 48 KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi distanzi minimi obbligatorji bejn il-faċilitajiet fit-toroq għad-distribuzzjoni ta' karburanti tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment stabbilita fit-Trattat. F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali, din ir-restrizzjoni ma jidhirx li hija ta' natura tali li tista' tiġi ġġustifikata minħabba l-għanijiet ta' sigurtà fit-toroq, ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, kif ukoll ta' razzjonalizzazzjoni tas-servizz mogħti lill-utenti, ħaġa din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 43 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 48 KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi distanzi minimi obbligatorji bejn il-faċilitajiet fit-toroq għad-distribuzzjoni ta' karburanti tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment stabbilita fit-Trattat KE. F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali, din ir-restrizzjoni ma jidhirx li hija ta' natura tali li tista' tiġi ġġustifikata minħabba l-għanijiet ta' sigurtà fit-toroq, ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, kif ukoll ta' razzjonalizzazzjoni tas-servizz mogħti lill-utenti, ħaġa din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

Firem